MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Numru 383/2011

**Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**vs**
**Carmela Zahra**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Carmela Zahra ta' 52 sena, bint Joseph u l-mejta Maria Anna xebba' Calleja mwielda Santa Venera fl-1 ta' Jannar 1959 u residenti 'The Orchids' Triq is-Sultana, Paola u detentur tal-karta tal-identita' numru 034459(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fis-07 ta' Frar 2011, f'dawn il-Gzejjer ikkommettiet serq ta' oggetti, liema serq jeccedi l-mija u sittax euro u sebgha u erbghin centezmu Ewro (116.47c) ghad-dannu ta' stabbiliment maghruf bhala 'Lidl Supermarket' u persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-'valur', bil-'hin', bil-'mezz' u bil-'lok';

2. Laqat ghandha jew/u akkwistati b' reat u cioe' 'spare parts' sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta' Frar, 2009 (esebit *a folio* 4 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2011 l-imputata iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Mejju 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ikkoperat bi shih fil-kors tal-investigazzjonijiet, ikkunsidrat l-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta u kkunsidrat ukoll li r-res furtiva giet ritornata lura.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269 u 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b'applikazzjoni

tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

Stante t-tieni(2) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputata qed tinstab hatja. L-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------